12 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Prof. Charles Zahra Newmann, M.D.

## Traffiku — Kolliżjoni — Sinjali.

*Meta t-traffiku jkun normali, ma hemmx dubju li d-driver li jkun sejjer iżomm għandu l-obbligu gravi li jagħti sinjal biex ta' warajh jirregolaw ruħhom; għaliex dawn, fin-nuqqas ta' dak is-sinjal, huma leġittimati jaħsbu li hu sejjer ikompli għaddej. Imma meta t-traffiku jkun eċċezzjonali, u l-karrozzi jkunu mexjin bil-mod, bi twaqqif intermittenti, proċessjonalment, qieshom fi queue, l-aspett hu proprju l-kuntrarju; għax f'dan li stat eċċezzjonali tat-traffiku, id-driver ta' wara għandu jistenna li kull mument il-karrozza ta' quddiemu tieqaf, u għandu jżomm ruħu pront għal din l-emerġenza.*

*F'ċirkustanzi simili, is-sinjal jitlef l-importanza solita u normali tiegħu. Jekk jista' jingħata s-sinjal, aħjar; imma s-sinjal ma jibgħax ta' importanza tali li n-nuqqas tiegħu jeżimi d-driver tal-karrozza ta' wara; għax dan, fil-każ ta' queue, għandu prevenzjoni kontinwa li l-karrozza ta' quddiem tista' żżomm f'daqqa, u għandu kwindi l-obligu kontinwu, indipendentement minn kull sinjal, li jistenna u jipprovvedi għal dik l-emerġenza. U jekk hu jaħbat mal-karrozza ta' quddiem f'ċirkustanzi simili, ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbiltà tal-kolliżjoni fuq il-motiv li d-driver ta' quddiemu ma għamillux sinjal li sejjer iwaqqaf, u lanqas fuq il-motiv illi l-karrozza ta' quddiemu ma kellhiex "stop-light".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni kontra Professur Charles Zahra Newmann, M.D., quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fid-29 ta' Novembru, 1954, f'xi d-9.10 a.m., imħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u billi ma osservax ir-regolamenti, waqt li kien isuq motor-car nru.10108 minn St Anne Street, Floriana, ħabat ma motor-van nru. 5940, u kkaġuna d-driver ta' l-istess van jaħbat ma' motor car numru 15744, u għamlilhom ħsara għad-

dannu ta' Joseph Camilleri u Henry Roy Furness rispettivament;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Diċembru, 1954, li biha sabet lill-imsemmi Professur Charles Zahra Newmann, M.D., ħati skond l-imputazzjoni, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ ikkunannatu għal £1 ammenda;

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li biħ talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti ma jidhrux in kontestazzjoni. Fl-okkażjoni in kwistjoni kien hemm traffiku qawwi, b'mod li kien hemm "stream" ta' karrozzi — xi għoxrin waħda — jestendu mill-istatwa ta' l-Iljun, Pjazza Sant'Anna, il-Furjana, sa kważi ħdejn il-Comet Theatre. Kif soltu jiġri f'kontinġenzi simili, it-traffiku kien qiegħed jipproċedi "in jerks", jieqaf u jimxi b'intervalli, kull karrozza viċin lejn l-oħra. L-appellant kellu van quddiemu, u din waqfet x'ħin waqfet il-karrozza ta' quddiemha; l-appellant ma waqafx "a tempo", għax daħal ġol-van, u għamlilha ħsara żgħira;

Ma hemmx kwistjoni ta' speed żejjed, għaliex appena kien possibbli speed żejjed f'dawk il-kontinġenzi, li fihom bilfors wieħed isuq fuq gear baxx. Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat hu ħati ta' negliġenza. Id-difiża tikkontrobatti li l-inċident ġara għax id-driver tal-van żamm bla ma ta ebda sinjal. Fil-fatt dan id-driver ma tax sinjal;

Il-Qorti, però, ma hix propensa taċċetta din id-difiża. Meta t-traffiku jkun normali (u dan qiegħed jingħad għat-traffiku f'Malta), allura ma hemmx dubju li d-driver li jkun sejjer iżomm għandu l-obligu gravi li jagħti sinjal biex ta' warajh jirregolaw ruħhom; għaliex dawn, fin-nuqqas ta' sinjal, huma leġittimati jaħsbu li hu sejjer ikompli għaddej. Però, meta t-traffiku jkun eċċezzjonali, u l-karrozzi jkunu mexjin bil-mod, bi twaqqif intermittenti, proċessjonalment, qieshom fi queue, l-aspett hu proprju l-kuntrarju; għax id-driver ta' wara, appuntu minħabba dan li-stat eċċezzjonali tat-traffiku, għandu jistenna li kull mument il-karrozza ta' quddiemu tieqaf, u għandu jżomm ruħu pront għal din l-emerġenza. Vwoldiri, meta ċ-ċirkustanzi jkunu hekk, is-

sinjal jitlef l-importanza solita u normali tiegħu, għax l-imminenza tat-twaqqif brusk hi prevedibbli, u għandha tkun preveduta, apparti minn neċessità ta' sinjal. Jekk jista' jingħata sinjal, aħjar; imma s-sinjal ma jibqgħax ta' importanza tali li n-nuqqas tiegħu jeżimi d-driver tal-karrozza ta' wara, għax dan, fil-każ ta' queue, għandu prevenzjoni kontinwa li l-car ta' quddiemu jista' jżomm f'daqqa, u għandu, kwindi l-obligu kontinwu, indipendentement minn kull sinjal, li jistenna u jipprovvedi għal dik l-emerġenza;

Issa, hu dover ta' kull "road-user" li jżomm "look-out" tali li jevita kolliżjoni, u n-nuqqas ta' dak il-"look-out" hi negliġenza;

Din il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, hi ta' opinjoni li l-ħabta saret għax momentament l-appellant kien distratt, anki għal "split second" waħda, li f'dik id-distanza żgħira bejn karrozza u oħra tkun deċiżiva. Iċ-ċirkustanzi ma kienux tali li l-ħabta kienet inevitabbli, għax il-van ma daħalx f'ta' quddiemu meta dan żamm, u preżumibbilment l-appellant kellu l-istess "chance";

Il-fatt li l-van ma kellux "stop light" lanqas ma hu ta' importanza; mhux biss għaliex, kif ingħad, is-sinjal ma kellux, fiċ-ċirkustanza tal-każ, l-importanza solita, imma anki għax l-appellant kien miexi wara l-van, u kwindi seta' jkun jaf li din ma kellhiex "stop light", u għalhekk ma setax jistenna dak is-sinjal, u kellu jkun pront għan-nuqqas tiegħu;

L-imputazzjoni hi, għalhekk, pruvata;

Il-Qorti tirrikonoxxi, però, illi l-ħtiija ta' l-appellant kienet ferm tenwi, stante il-kumpless taċ-ċirkustanzi; u għalhekk tħossha indotta tagħti l-provvediment infraskritt;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-Qorti, wara li rat l-art. 8 tal-Kap. 118 Ediz. Riv., tordna, però, li din il-kundanna ma tiġix reġistrata fil-fedina penali ta' l-appellant.